## ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12 – IL-ĠIMGĦA 29 TA' MEJJU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Assenti | Donald Cassar | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill, li l-Kunsillier Donald Cassar għall darb' oħra reġa m' attendiex għall laqgħa. Huwa semma li bħala Segretarju se jkun qed jinforma lill-Ministru fuq dan in-nuqqas peress li ilu jsir minn Novembru tas-sena l-oħra. Huwa qal li anki llum ma nforma lil ħadd li mhux se jattendi u għalhekk dan jitqies assenti. Is-Segretarju semma wkoll li lill-Kunsillier Cassar kemm il-darba wissieh bit-telefonati li jrid jinforma lill-Kunsill bil-miktub jekk dan ma jkunx jista jattendi u dan qatt ma sar. Il-Kunsill Lokali kollu qabel li għandu jsir dan minn naħa tas-Segretarju.

### 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku semma li l-minuti tal-laqgħa preċedenti kienu approvati permezz tal-email li kien bagħat is-Segretarju f' Marzu meta aħna ma ltqajniex. Is-Segretarju semma li huwa kien irċieva xi osservazzjonijiet li fuqhom kien għamel korrezzjoni.

2.2 Fuq dawn il-korezzjonijiet kien hemm is-Sindku John Schembri u ssekondati mill-Kunsillier Camilleri.

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku semma li tkompla l-proġett tal-ismart parking system ġewwa Ħal Luqa. Huwa qal li twaħħlu aktar sensors u wasal biex jintemm. Il-Viċi Sindku qal li dan huwa proġett tajjeb u huwa kien diġà ra kif qed jaħdem. Huwa qal li rridu nagħmlu sistema biex

wieħed ma jkollux għalfejn joqgħod jiċċekkja l-mobile waqt li jkun qed isuq. Il-Viċi Sindku qal li l-installaturi m' għandhomx dettalji fuq l-affarijiet li jridu jagħmlu. Is-Segretarju semma li huwa dejjem żamm kuntatt mal-istess persuni u dawn suppost għandhom l-informazzjoni kollha.

3.2 Is-Sindku semma li waslu biex joħorġu t-tlett permessi biex bihom ikun jista jsir ir-restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp, San Mikiel u l-Qalb ta' Ġesu.

3.3 Is-Sindku semma li fuq il-każ tal-istatwa tal-Kunċizzjoni kien ħareġ it-tender darbtejn u ma kienx hemm minn applika. Huwa qal li għalhekk talab biex dan ix-xogħol jingħata b' direct order u kien se jkellem lil Anthony Ellul biex jagħmel dan ix-xogħol.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq Patri Damjan Taljana hemm manhole f' nofs it-Triq li maġenbha hemm ħofra biex din timtela bit-tarmac.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsiru tabelli biex jipparkjaw bl-exhaust pipe il-barra fi Triq id-9 t' April.

4.3 Is-Sindku semma li hemm kurduna fejn hemm l-OK Bar biex din tiġi rranġata. Huwa semma wkoll li hemm il-bankina fi Triq id-9 t' April li għadha ma kinitx paved biex din isirilha ftit konkos sakemm ikun hemm pavimentar. Huwa qal lis-Segretarju biex ifakkru kif jidħlu l-ħaddiema lura, speċjalment peress li kien hemm minhom vulnerabbli.

4.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq l-ownership tal-latrina ta' Triq Dun Pawl. Huwa qal li hemm żewġ persuni differenti li qed jgħidu li hemm l-ownership privat. Is-Segretarju qal li huwa kien għamel talba lill-Lands biex ikollu aktar informazzjoni fuq l-ownership tal-latrina. Huwa qal li din jixtieq li tkun riżolta qabel jerġa jiġi lura l-kuntrattur u jkun se jkompli x-xogħol.

4.5 Il-Kunsillier Caruana semma li s-saqaf tal-latrina qiegħed f' kundizzjoni ħażina ħafna. Is-Sindku qallu biex il-ġimgħa d-dieħla jmorru jiċċekkjaw dan is-saqaf.

4.6 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li jsir il-qtugħ tal-ħaxix f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

4.7 Il-Kunsillier Aquilina semma li hemm il-ħaxix fi Triq il-Gudja li jrid jinqata. Is-Sindku qallu li jekk dan jinsab fuq in-naħa miċ-Ċimiterju l-quddiem hawnhekk irid jinqata minn naħa tal-Gudja.

4.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li f' Ħal Farruġ kien wasal biex isir il-proġett tal-buffer zone fejn hemm l-Industrial Estate. Huwa qal lis-Segretarju biex ikellem lill-kuntrattur li jagħmlilna t-tabelli biex dawk tan-No Entry li kien se jitwaħħlu hemm, ma jinġiebux sakemm isir ix-xogħol.

4.9 Il-Kunsillier Aquilina saqsa kif konna se nagħmlu dwar l-għotja tal-virtual reality lill-Iskola peress li din kienet inxtrat. Is-Sindku qal li l-aħjar li għalissa nistennew li tinfetaħ terġa l-Iskola u ssir preżentazzjoni hemmhekk.

**Il-Viċi Sindku talab li jkun skużat mill-laqgħa tal-Kunsill fis-6.10 pm.**

## 5. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

5.1 Is-Segretarju semma li bħala Kunsill Lokali kellna l-audit u matul dan l-eżerċizzju l-awdituri jitolbu li jsiru xi aġġustamenti peress li jkun hemm xi income u expenditure li

tkun iċċarata s-sitwazzjoni tagħhom. Huwa semma li għalkemm saru xi aġġustament xorta l-Kunsill Lokali spiċċa s-sena l-oħra b' surplus.

5.2 Is-Segretarju semma fejn kien hemm xi tibdil fil-figuri tal-istatements u rrefera mill-liem workings dawn kienu ġejjin. Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsilliera jaqblux ma dawn il-financial statements. Il-Kunsilliera qablu magħhom b' vot unanimu.

## 6. SITWAZZJONI FUQ IL-COVID

6.1 Il-Viċi Sindku qal jekk hemmx xi fondi li ma ntużawx biex inkunu nistgħu ngħinu lill-Għaqdiet tal-Banda. Is-Sindku qal li biex dawn jingħataw fondi trid isir attività. Is-Sindku semma li minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID ma seta jsir xejn bħala attivitajiet fuq l-estern. Is-Sindku semma li għalhekk naraw biex mal-ewwel opportunita tkun tista ssir attività, huwa qal li dawn anki għandhom l-agreement li huma jieħdu pagament meta jagħtu servizz lill-Kunsill.

## 7. DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

7.1 Is-Segretarju semma li l-Kunsill Lokali kellu lis-Sinjura Marie Lourdes Lautier li kienet Deputat Segretarju Eżekuttiv għall Kunsill f' każ ta' bżonn. Huwa semma li din kienet marret taħdem mad-Dipartiment u ma baqgħetx Segretarju. Huwa qal li hemm is-Sinjura Karen Camilleri li tista toqgħod bħala Deputat għall Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa. Din bħalissa hija Segretarju Eżekuttiv għall Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma din in-nomina.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

8.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq x' kien jikkonsisti l-kont li kien hemm lil Eretric. Is-Segretarju semma li huwa kien ħa l-vann peress li kellu problemi biex dan jisstartja. Is-Segretarju semma li dan kien imbagħad ħadu għand persuna oħra biex jsewwieh. Il-Kunsillier semma li dan il-kont kien ġie għoli. Is-Segretarju qallu li huwa se jibgħat lil xi ħadd mill-ħaddiema biex jiċċekkja x' kien biddel u ma bidilx.

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020 fis-6.45 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |